MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1417/2003

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Josef Borg sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Josef Borg**

**Vs**

**Orazio sive Grazio Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta Lulju tas-sena 2003 fejn qed jintalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta tliet mija u hamsa tmenin lira tmintax-il centezmu (Lm385.18) jew somma verjuri rapprezentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh fil-21 ta Awissu 2001 fi Triq il-Kbira, Mosta bejn il-vettura numru EAB 296 misjuqa mill-konvenut u vettura numru HAP 304 misjuqa minn u proprjeta tal-assikurat attur Josef Borg

prevja dikjarazzjoni fis-sens illi l-incident minnhabba tortijiet unikament imputabbli lill-istess konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali prezentati kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-13 ta Awissu 2003 bis-sahha ta liema huwa kkontesta kemm ir-responsabbilita u kif ukoll id-danni relattivi meritu ta dan l-incident, b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-atturi;

Ra l-provi mressqa nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi dan il-kaz jitratta dwar incident stradali li sehh fejn il-knisa tal-Mosta meta l-attur kien hiereg mill-parking area u gibed lejn id-direzzjoni tan-Naxxar filwaqt li l-konvenut kien ghaddej fit-triq principali u kien wasal biex idur fid-direzzjoni ta Triq Il-Kungress Ewkaristiku.

Illi mix-xhieda ta PS 455 Emmanuel Sammut li kien l-ufficcjal inkarikat mir-rapport u skizz meritu ta l-istess ghandhom jirrizultaw is-segwenti fatturi rilevanti:-

a. Il-parti tal-iskizz fejn saret il-habta sar "to scale".
b. Immarka l-Ford Transit parkeggjat mal-gemb u l-ufficcjal irrimarka mhux biss in-numru taghha izda kkummenta wkoll li kienu niezlin il-passiggieri, liema osservazzjoni hija ndikattiva tal-fatt li dan il-vann kien ghadu fuq il-post meta acceda l-ufficcjal tal-pulizija;
c. Gie lilu rapportat mill-attur li huwa isswervja sabiex jevita l-bieba tal-vann li kienet infethet f'salt. L-istess attur jikkonferma wkoll li huwa kien ghadu kemm hareg mill-parking area tar-Rotunda tal-Mosta; Izid ighid li "meta huwa ghamel din il-manuvra sabiex ma jidholx f'din il-bieb sab it-trakk ma wiccu – liema trakk f'dak il-mument li kien hdejh swervja lejh cioe lejn ix-xellug – u dana x'aktarx

biex jiehu l-kurvatura mas-centre strip biex jaqbad triq il-Kungress Ewkaristiku;

d. It-trakk jinsab indikat bid-dritt mas-centre strip fuq l-iskizz a fol 16 u jikkonferma li dan huwa ndikattiv li l-konvenut kien gej bid-dritt fuq “sajdu”;

e. Jikkonferma wkoll kemm bil-gurament tieghu u kif ukoll fuq il-precitat skizz li l-vettura tal-attur kien sabha ftit angolata fid-direzzjoni tal-lemin, liema fattur huwa ndikattiv tal-fatt li fil-mument tal-impatt, l-attur kien qed jaghmel il-manuvra biex jevita l-bieba tal-vann;

f. Il-konvenut gie rappurtat li qal li huwa kien dejjem miexi ghad-dritt u l-incident fil-fatt lanqas rah b’ghajnejh – induna biss bil-hoss tal-“boom”;

Illi ghandu jigi notat illi x-xhieda tal-attur bil-gurament tikkontrasta xi ftit mill-verzjoni rappurtata kif ser jigi ndikat hawn taht liema diskrepanzi jimpingu b’mod negattiv fuq il-kredibilita tieghu.

a. Huwa jallega li kif ra l-bieba tinfetah, waqaf immedjatament – haga li ma giex rappurtat li qal a tempo vergine; fil-fatt huwa sinifikanti li in kontro-ezami l-attur ighid li ma jiftakarx fatt daqs importanti jekk lill-pulizija qallux o meno jekk kien waqaf meta nfethet il-bieba;

b. Huwa jghid li l-vettura tieghu kienet marsusa bejn il-Vann u t-trakk meta fil-fatt l-iskizz juri mod iehor;

c. Ighid li paqpaq il-horn ghax innota li t-trakk kien ser jidhol go fih, fatt iehor mhux rappurtat a tempo vergine;

d. L-attur ighid li ma jaqbilx mal-iskizz il-ghaliex il-vettura tieghu kienet ghadha ma qabzitx il-bieb ta quddiem tal-minibus u kif ukoll jinnega li kien hemm dak l-ispazju kollu bejnhu u l-vann;

e. Jallega wkoll li tal-minibus kien gia telaq meta wasal il-pulizija, haga li difficli titwemmen peress ma jkunx spjegabbli kif is-surgent indika din il-minibus fuq parti tal-iskizz to scale, bin-numru taghha u bil-kumment li kienu niezla l-passiggiera. Ma hux kredibbli li s-surgent ikun pinga minibus b’tali dettalji msemmija jekk huwa jkun ra biss il-kaxxa taghha;

Illi mill-banda l-ohra l-verzjoni tal-konvenut hija cara u skjetta u taqbel perfettament ma dak li rrapporta lis-

surgent a tempo vergine u kif ukoll mal-iskizz relattiv. Hu kien miexi dritt fuq “sajdu” u appena beda jdur biex jaqbad triq il-kungress ewkaristiku sema l-hoss fuq il-gemb tat-trakk. Jispjega li l-attur kien qallu li habat mieghu ‘il ghaliex huwa kien kiser f’daqqa sabiex jevita li jolqot il-bieba tal-vann li nfethet f’salt wiehed. In kontro-ezami jikkonferma wkoll il-presenza tal-vann li kien qed ihott xi passiggiera tant illi ta parir lill-attur sabiex tal-vann jehodlu n-numru peress illi skond l-istess attur l-incident sehh proprju minnhabba l-ftuh tal-bieba tal-vann.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut ma kellu ebda htija ghall-incident stradali in kwistjoni u konsegwentement jilqa l-eccezzjonijiet minnu sollevati u jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess atturi b’dan illi d-dritt spettanti lill-istess atturi li tipprocedi kontra terzi jibqa npregudikat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------